MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 5/2005/2

**Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Gaetano Grech u b’digriet tas-27 ta’ Gunju 2005, l-atti kienu transfuzi f’isem Joseph, Anthony u Paul ahwa Grech**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi intimat gie notifikat b’Avviz ghall-Ftehim datat 6 t’Ottubru 1970 fej gie nfurmat illi l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut tal-utile dominju perpetwu ta’ bicca art f’Tal-Ibragg, ir-Rabat Ghawdex tal-kejl ta’ zewg sieghan u hames kejliet (2S.5k) li tmiss mill-Grigal ma’ passagg, mil-Lvant ma’ proprjeta’ tas-Sinjura Carmela Zammit u mill-Punent ma’ proprjeta’

tas-Sur Joseph Grech huwa ta’ disgha u hamsin lira u seba soldi (L59.0.7) kif jidher fir-rapport tal-perit Rene’ Buttigieg A&CE tal-25 ta’ Gunju 1970 li estratt tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tad-29 t’Ottubru 1970 l-intimat fost affarijiet ohrajn kien ddikjara li ma kienx qed jaccetta l-kumpens offert u talab li dan l-kumpens kellu jkun ta’ mitejn u seba u sebghin lira seba xelin u tlett soldi (L24737.3d)

Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jitraferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut ghall-utile dominju perpetwu l-bicca art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippublika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin, u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artjiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra wkoll in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-intimat li tghid hekk:

Illi l-kumpens offrut mir-rikorrent u cioe’ mill-Kummissarju tal-Art altru li mhuwiex kumpens gust u reali u li jirripekkja l-valur tal-proprjeta’ li ttiehdet lilu mill-istess rikorrenti.

Illi l-istess Gaetano Grech jirriserva illi jressaq provi phra dwar dan fi stadju ulterjuri

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi intimat kien oppona l-valur offert mill-Kummissarju tal-Artijietu ressaq stima tal-perit tieghu esebita a fol. 41 tal-process u dan fil-valur ta' Lm16,500;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael Refalo assenjati biex jassituh f'din il-kawza wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Qed jigi prezentement stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tal-kwalita' tal-art in kwistjoni, u l-fatt li tal-posizzjoni tal-art, ghandu jkun ta' mija u tmenin lira maltin [llum Euro 419.28].

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, wara l-istima unanima tal-membri teknici, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala b'titolu ta' xiri assolut l-utile dominju perpetwu ta' bicca art f'Tal-Ibragg, ir-Rabat Ghawdex tal-kejl ta' zewg sieghan u hames kejliet (2S.5k), li tmiss mill-Grigal ma' passagg, mil-Lvant ma' proprjeta' tas-Sinjura Carmela Zammit u mill-Punent ma' proprjeta' tas-Sur u dan bil-kumpens ta' Euro 419.28 (erba mija u dsatax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta' Novembru fis-1.30pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord u dan wara li ssir d-debita kalkolazzjoni tal-valur tal-munita li kienet offerta fl-1970 lill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------